A.L. 142 ta' l-2004

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-*DATA* (KAP. 440)

Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-settur tal-Pulizija)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5 u 54(m) tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* Kap 440, il-Ministru għat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Investiment wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data,* u bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-Pulizija, qiegħed jagħmel dawn ir-regolamenti:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2004 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* (Proċessar ta' *Data* fis-settur tal-Pulizija).

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-*data* li l-Ministru responsabbli jista' jistabilixxi b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabiliti għal dispożizzjonijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sa kemm il-kuntest tal-kliem ma jinħtieġx mod ieħor:

"Att" ifisser l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

"għall-għanijiet ta' pulizija" tfisser dawk il-funzjonijiet kollha li l-Pulizija (jew kull entità pubblika oħra, awtorità jew korp li jeżerċitaw poteri ta' pulizija) trid taqdi sabiex ma tħallix isiru reati, twaqqaf reati, jew iżżomm l-ordni publiku.

"persuna identifikabbli" tfisser persuna naturali li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal numru ta' identifikazzjoni jew għal xi fattur wieħed jew aktar speċifiku għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tagħha. Persuna naturali ma titqiesx bħala identifikabbli jekk l-identifikazzjoni tinħtieġ ammont ta' ħin, spiża jew użu ta' riżorsi umani mhux reġonevoli.

"kontrollur" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija jew ir-rappreżentant tiegħu, jew kwalunkwe kap ta' awtorità pubblika jew korp li qed jeżerċita poteri ta' pulizija, jew ir-rapreżentant tiegħu.

(2) It-tifsiriet tal-Artikolu 2 tal-Att, għandhom japplikaw sa kemm il-kuntest ma jkunx jirrikjedi mod ieħor u dan bla ħsara għal paragrafu (1) ta' dawn ir-regolamenti.

Skop.

3. L-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* qiegħed jiġi estiż biex japplika għal għaqdiet jew korpi pubblici li jkunu qed jeżerċitaw il-poteri ta' pulizija skond kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

Kontroll u Notifikazzjoni.

4. (1) Bla ħsara għall-artikolu 23 tal-Att, il-kontrollur għandu jinnotifika lill-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-*Data* kull meta waqt il-qadi ta' dmirijietu jinħtieġlu li jipproċessa *data* personali għall-għanijiet ta' pulizija.

(2) In-notifikazzjoni indikata fil-paragrafu (1) trid tispeċifika:

(a) l-isem u l-indirizz tal-kontrollur u ta' kull persuna oħra minnu awtorizzata għal dak l-iskop, jekk ikun il-kaz;

(b) l-għan jew l-għanijiet tal-ipproċessar;

(ċ) deskrizzjoni tal-kategorija jew kategoriji ta' suġġetti ta' *data* u tad-*data* jew kategoriji ta' *data* li jirrigwardawhom;

(d) ir-riċevituri jew kategoriji ta' riċevituri li d-*data* tista' tiġi żvelata lilhom.

Ġbir ta' data personali.

5. (1) Il-ġbir ta' *data* personali għal għanijiet ta' pulizija għandu jkun limitat skond il-bżonn għall-finijiet ta' prevenzjoni mit-twettiq ta' reati, twaqqif ta' reati, investigazzjoni, skoperta u prosekuzzjoni ta' reati kriminali speċifiċi jew għal prevenzjoni ta' perikoli rejali, jew kif speċifikat f'xi liġi.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 23 tal-Att, fejn *data* personali ġiet proċessata mingħajr ma l-persuna konċernata kienet taf, is-suġġett tad-*data* għandu jiġi nformat biss, safejn hu prattikabbli, li qed tinzamm informazzjoni dwaru, u dan kemm jista' jkun malajr wara li l-każ li dwaru saru l-għanijiet ta' pulizija ma jkunx jista' jigi preġudikat aktar u jekk id-*data* ma tkunx ġiet imħassra.

(3) Il-ġbir ta' *data* personali permezz ta' sorveljanza teknika jew b'xi mezz ieħor awtomatizzat jista' jsir għal għanijiet ta' pulizija, jew skond xi liġi oħra.

(4) L-ipproċessar ta' *data* personali sensittiva tista' issir jekk din tkun neċessarja għal għanijiet ta' investigazzjoni partikolari.

Htiġijiet għall-ipproċessar.

6. (1) L-ipproċessar ta' *data* personali għal għanijiet ta' pulizija għandu, sa fejn huwa possibli, jkun limitat għal *data* eżatta u għal dik id-*data* li hija bżonnjuża sabiex dik l-awtorità pubblika li qed teżerċità l-poteri ta' pulizija tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha skond il-Liġi jew sabiex twettaq l-obbligi nternazzjonali naxxenti minn kull konvenzjoni, trattat jew qbil bilaterali relatat ma' attivitajiet ta' pulizija li tagħhom Malta hija parti.

(2) Ġbir ta' *data* għal għanijiet ta' pulizija ma jistax jiġi pproċessat għal għanijiet li m'humiex kompatibbli ma' dawk l-għanijiet ta' pulizija.

(3) *Data* personali proċessata għal għanijiet ta' pulizija m'għandhiex tinżamm għal żmien itwal minn dak li huwa neċessarju meta wieħed iqis l-għanijiet ta' pulziija li dwarhom sar l-ipproċessar.

(4) Il-kontrollur għandu jieħu miżuri raġonevoli biex jassigura li d-*data* personali hija kompluta, korretta u sabiex ikun jista' jimblokkaha jew iħassarha, meta dik id-*data* mhix kompluta jew mhix korretta, meta wieħed iqis l-għanijiet ta' pulizija li għalihom dik id-*data* qed tiġi proċessata.

L-ipproċessar għal għanijiet storiċi eċċ.

7. L-ipproċessar ta' *data* personali għal għanijiet storiċi, statistiċi, jew xjentifiċi m'għandux jitqies bħala nkompatibbli ma' għanijiet ta' pulizija, b'dan illi l-kontrollur għandu jassigura illi:

(a) Jittieħdu l-miżuri ta' salvagwardji adattati meta *data* personali li tiġi proċessata għal għanijiet storiċi, statistiċi jew xjentifiċi, tinżamm għal perjodu itwal minn dak meħtieg meta wieħed iqis l-għan li għalih sar l-ipproċessar; jew

(b) *data* personali miżmuma għal għanijiet storiċi, statistiċi jew xejntifiċi m'għandhiex tintuża sabiex tittieħed deċiżjoni li tikkonċerna lis-suġġett tad-*data*.

Trasferiment ta' *data* personali.

8. (1) Il-trasferiment ta' *data* personali bejn korpi differenti li jeżerċitaw poteri ta' pulizija huwa permess biss fejn jeżisiti interess leġittimu għal dak it-trasferiment fil-qafas tal-poteri legali ta' dawk il-korpi.

(2) It-trasferiment ta' *data* personali bejn korpi li jeżerċitaw poteri ta' pulizija lil Dipartimenti oħra tal-Gvern jew lil korpi mwaqqfa skond il-liġi, jew lil terzi privati jista' jsir biss skond ir-regolament (10) jekk:

(a) hemm obligazzjoni jew awtorizzazzjoni legali sabiex isir it-trasferiment ta' dik id-*data*; jew

(b) il-Kummissarju għall-Protezzjoni u Privatezza tad-*Data* jawtorizza t-trasferiment ta' dik id-*data*;

(3) F'każijiet eċċezzjonali t-trasferiment ta' *data* personali minn korpi li qed jeżerċitaw poteri ta' pulizija lil Dipartimenti oħra tal-Gvern jew korpi mwaqqfa skond il-Liġi, jew terzi privati jista' wkoll isir jekk :

(a) jidher ċar li dan huwa fl-interess tas-suġġett tad-*data* u jew is-suġġett tad-*data* nnifsu jkun ta l-kunsens għat-trasferiment jew iċ-ċirkostanzi huma tali li jippermettu preżunzjoni ċara ta' tali kunsens; jew

(b) ikun neċessarju sabiex jiġi evitat periklu serju u imminenti.

(4) Korpi li qed jeżerċitaw poteri ta' pulizija jistgħu wkoll jitrasferixxu *data* lil Dipartimenti oħra tal-Gvern jew lil korpi mwaqqfa skond il-Liġi, jekk id-*data* hija neċessarja sabiex min qed jirceviha jkun jista' jwettaq il-funzjoni tiegħu skond il-ligi u dan sa kemm l-għan tal-ipproċessar li ser isir minn min qed jirċievi l-informazzjoni m' huwiex inkompatibbli mal-ipproċessar oriġinali jew kontra l-obligazzjonijiet legali tal-korp li qed jeżerċita l-poteri ta' pulizija.

Trasferiment ta' data lil Awtoritajiet Esteri.

9. (1) Bla ħsara għal kull provediment f'xi liġi li jirrigwarda l-protezzjoni tas-suġġett tad-*data*, it-trasferiment ta' *data* personali lill-awtoritajiet esteri jista' jsir biss skond ir-regolament (10) u dan biss jekk ir-riċevituri ta' din id-*data* huma korpi li qed jeżerċitaw poteri ta' pulizija.

(2) Bla ħsara għal dak li hemm fil-paragrafu (1), dan it-trasferiment ta' *data* personali għandu jkun permess biss jekk hemm obligazzjoni legali taħt xi liġi, jew xi obbligu internazzjonali skond xi trattat, konvenzjoni jew qbil internazzjonali ta' għajnuna reċiproka, li tagħhom Malta hija parti.

(3) Fin-nuqqas ta' provedimenti kif indikat fil-paragafu (2) hawn fuq it-trasferiment ta' *data* personali lil awtorità barranija jista' jsir ukoll jekk dak it-trasferiment huwa nessarju sabiex jippreveni xi periklu serju u imminenti, jew huwa neċessarju biex ma jitwettaqx xi reat kriminali serju.

Talba għal trasferiment.

10. (1) Talba għal trasferiment ta' *data* personali trid issir bil-miktub lill-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija u għandha tinkludi ndikazzjoni tal-persuna jew tal-korp li qed jagħmel it-talba u r-raġuni għal dik it-talba u l-għan li għalih it-talba qed issir, sa kemm xi liġi

oħra jew qbil internazzjonali li għalih Malta hija parti, ma jipprovdix mod ieħor.

(2) Il-korp li qed jeżerċita poteri ta' pulizija jrid jirrispondi bil-miktub lil-parti li qed tagħmel it-talba bid-deċiżjoni meħuda dwar jekk it-talba tistax tiġi milqugħa jew le.

(3) Il-korp li qed jeżerċità poteri ta' pulizija għandu jzomm record tad-*data* personali kollha trasferita u jindika dan li ġej:

(a) id-dettalji tal-korp li għamel it-talba;

(b) il-għan u r-raġuni għal dik it-talba;

(ċ) id-data tat-trasferiment tad-*data*.

(4) *Data* personali trasferita minn korp li jeżerċità poteri tal-pulizija lil Dipartimenti oħra tal-Gvern jew lil korpi mwaqqfa bil-Liġi, jew lil terzi privati, jew lil awtoritajiet barranin, m' għandhomx jintużaw għal għanijiet oħra ħlief għal dawk speċifikati fit-talba għat-trasferiment tad-*data*.

(5) Meta jkun neċessarju illi d-*data* imsemmija f'paragrafu (4) tiġi wżata għal għanijiet oħra minn dawk mitluba, ir-riċevitur irid jagħmel talba ġdida lill-korp li jeżerċita poteri ta' pulizija skond il-paragrafu (1) u dik id-*data* ma tistax tintuża mir-riċevitur għal għanijiet ħlief dawk imnizzla fit-talba oriġinali sa kemm ma jkunx hemm qbil bil-miktub dwar it-talba l-ġdida.

Salvagwardji dwar it-trasferiment.

11. Fit-trasferiment ta' *data* personali ir-regoli li ġejjin għandhom jiġu mħarsa sa fejn huwa possibbli;

(a) l-eżattezza tad-*data* trid tkun verifikata sa mhux aktar tard mid-data minn meta id-*data* ġiet mogħtija l-ewwel darba;

(b) *data* bbażata fuq opinjonijiet jew *assessment* personali trid tiġi verifikata mas-sors originali tagħha qabel ma tiġi mogħtija u jrid jigi ndikat il-grad ta' kemm wieħed jista' joqgħod fuqha u ta' kemm hija eżatta;

(ċ) *data* li tikkonsisti f'deċiżjonijiet ġudizzjarji jew f'deċiżjonijiet biex ma jittieħdux passi bil-Qorti għandha tiġi indikata hekk b'mod ċar;

(d) *data* illi ma għadhiex aktar eżatta jew aġġornata m' għandiex tiġi trasferita u fil-każ li jirrizulta li *data* li ġiet trasferita ma għadhiex iżjed eżatta u aġġornata, ir-riċevitur tad-

data għandu jiġi nformat, sakemm l-għoti ta' tali nformazzjoni ma jinvolvix sforz sproporzjonat.

Aċċess għal *files* oħra.

12. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-korp li qed jeżerċita poteri ta' pulizija jista', meta jkun qed jesegwixxi l-obbligi tiegħu għal prevenzjoni, twaqqif, investigazzjoni, kxif u prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jkollu aċċess għal sistemi fejn jinżammu *data* personali għal għanijiet mhux konnessi ma' għanijiet tal-pulizija skond il-liġi, dejjem sa kemm il-korp li qed jgħaddi din l-informazzjoni jew il-Kummissarju għall-Protezzjoni u Prevenzjoni tad-*Data* jkun awtorizza tali aċċess.

Dritt ta' aċċess, korrezzjoni u appell.

13. (1) Is-suġġett tad-*data* jista' bil-miktub jitlob is-segwenti lill-kontrollur:

(a) jekk *data* personali hix qed tiġi proċessata dwaru għal għan imsemmi;

(b) korrezzjoni, imblukkar jew tħassir ta' *data* li ġiet proċessata mhux skond dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għall-artikolu 23 tal-Att, il-kontrollur għandu jipprovdi lis-suġġett tad-*data* bl-informazzjoni skond l-artikolu 21(2) tal-Att u jikkoreġi, jimblokka jew iħasssar *data* personali skond l-artikolu 22 tal-Att u dan mingħajr dewmien eċċessiv u bla ħlas.

B'dan illi:

(a) d-dritt ta' aċċess, korrezzjoni jew imblukkar m' humiex restritti jew rifjutati skond il-paragrafu (3); jew

(b) fl-interess tas-suġġett tad-*data*, m' hemmx xi liġi oħra li teskludi li tingħata l-informazzjoni.

(3) L-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess, korrezzjoni u mblukkar jew tħassir tas-suġġett tad-*data*, jiġi ristrett jew rifjutat biss jekk ir-restrizzjoni jew ir-rifjut ikunu ġustifikati għal għanijiet ta' twaqqif ta' reati kriminali jew jkunu neċessarji għal protezzjoni tas-suġġett tad-*data* jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.

(4) Is-suġġett tad-*data* għandu jkun infurmat bil-miktub dwar deċiżjoni li timponi restrizzjoni jew rifjut għall-eżerċizzju tad-dritt imsemmi fil-paragrafu (3) u għandu jkun hemm inkluż ir-raġunijiet għal tali rifjut jew restrizzjoni.

B'dan illi jkun legalment permess illi ma ssirx il-komunika tar-raġunijiet imsemmija jekk tali restrizzjoni jew rifjut ta' komunika

huwa neċessarju sabiex isir xogħol ta' pulizija mitlub skond il-liġi, jew huwa neċessarju għal protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' persuni oħra.

(5) Kull meta aċċess, korrezzjoni jew tħassir jiġi rifjutat jew ristrett, is-suġġett tad-*data* għandu dritt għall-appell lill-Kummissarju tal-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* fi żmien tletin jum minn meta is-suġġet tad-*data* jiġi nfurmat, jew minn meta jista' raġonevolment jiġi maħsub li sar jaf, b'tali deċiżjoni.

(6) Meta l-Kummissarju tal-Protezzjoni u Privatezza tad-*Data* jkun qed jikkonsidra appell huwa għandu jirrevedi d-deċiżjoni u jrid jissodisfa ruħu illi r-rifjut jew ir-restrizzjoni huma raġonevoli u fondati sewwa.

Miżuri ta' sigurtà dwar l-ipproċessar.

14. (1) Il-kontrollur għandu jimplimenta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex jipproteġi *data* personali li tkun qed tiġi proċessata kontra kull qerda jew telf aċċidentali jew forom ta' pproċessar illeġittimi u b'hekk jipprovdi livell adekwat ta' sigurtà li tqis:

(a) il-possibilitajiet tekniċi disponibbli;

(b) in-nefqa ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sigurtà;

(ċ) ir-riskji speċjali li jeżistu fl-ipproċessar ta' *data* personali;

(d) is-sensitività tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata.

(2) Jekk il-kontrollur jqabbad proċessur, il-kontrollur għandu jiżgura li l-proċessur:

(a) ikun jista' jimplimenta l-miżuri ta' sigurtà li jkollhom jittieħdu;

(b) attwalment jieħu l-miżuri hekk identifikati mill-kontrollur.

It-test Ingliż għandu jipprevali.

15. F'każ ta' konflitt bejn it-test Malti u dak Ingliż ta' dawn ir-regolamenti, huwa t-test ingliż li għandu jipprevali.